

3. It-tielet motiv: ksur tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.
4. Ir-raba' motiv: żball ta' evalwazzjoni min-naħa tal-Kunsill.
5. Il-ħames motiv: ksur tad-dritt għall-proprjetà, tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tal-libertà ekonomika.
6. Is-sitt motiv: ksur tad-dritt għal kundizzjonijiet ta' għajxien normali.
7. Is-seba' motiv: ksur manifest tad-dritt għar-reputazzjoni.

(<sup>1</sup>) ĠU 2023, L 139, p. 49.

(<sup>2</sup>) ĠU 2023, L 139, p. 1.

---

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' Awwissu 2023 – Freistaat Bayern vs EUIPO – BSGE (Neuschwanstein)**

**(Kawża T-506/23)**

(2023/C 338/58)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

**Partijiet**

*Rikorrent:* Freistaat Bayern (rappreżentant: M. Müller, Rechtsanwalt)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* BSGE Bundesverband Souvenir Geschenke Ehrenpreise eV (Veitsbronn, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "Neuschwanstein" – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 15 687 353

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta' Mejju 2023 fil-Każ R 1013/2021-5

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
-